MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 717/2007

**Talba Nru: 717/07 PBC**

**Mobisle Communications Limited – C 24655**

**-vs-**

**Paul Attard**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma t'elf, tmien mija u hamsa u ghoxrin Euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€1,825.27) – (Lm783.59c) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjetà attrici skond *Client Contract Number 1005948* in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhur bejn Novembru 2006 u Marzu 2007. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 t' April, 2007, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma t’elf, tmien mija u hamsa u ghoxrin Euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€1,825.27) – (Lm783.59c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------